MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 95/2006

**Avviz Numru 95/06VGD**

Michael Buttigieg (Id. 52170M)

Vs

K Kitchen Company Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab illi s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas u tirrifondi lura lilu s-somma ta' mitejn, tmienja u disghin lira Maltin (Lm298.00) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti l-prezz ta' Kenwood mixer li l-attur xtara minghand is-socjeta' konvenuta, stante illi rrizultaw difetti u hsarat f'dan l-istess oggett, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjes, inkluz tal-ittra

interpellatorja datata 15 ta' Dicembru 2005, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi (i) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-azzjoni tal-attur hija preskritta in virtu' tal-artikolu 1431(1) tal-Kapitlu 16; u (ii) bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet hawn indikati, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress li kien hemm 'misuse' tal-apparat domestiku peress li l-attur uzah ghal skopijiet industrijali, liema apparat qatt ma kien intenzjonat ghall-uzu industrijali izda ghall-uzu domestiku, u dan in vjolazzjoni tal-'manual instructions' li qieghed jigi anness bhala dokument cc1 u senjatament pagna 2 tal-imsemmi dok. cc1, u ergo ma tibqax vigenti l-garanzija; (iii) illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-difetti allegati mill-attur mhumiex difetti latenti; (iv) illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet premessi hawn fuq, l-attur ma ddepozitax tali Kenwood il-Qorti kif huwa obligat jaghmel skond il-ligi.  Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda tal-attur Michael Buttigieg.

Sema x-xhieda ta' Tony Gatt prodott mis-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda ta' Clive Farrugia Vella prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi waqt is-seduta ta' l-1 ta' Frar 2008, is-socjeta' konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni, u ghalhekk ma hemmx lok illi tali eccezzjoni issa tigi deciza minn dan it-Tribunal.

Illi fil-mertu jirrizulta li l-attur xtara Kenwood mixer minghand is-socjeta’ konvenuta bil-prezz ta’ Lm298. Wara ftit bdew jinqalghu il-problemi u l-attur spicca biex ha l-magna ghat-tiswija ghand is-socjeta’ konvenuta tlett darbiet. Fl-ahhar okkazjoni meta l-attur halla l-Kenwood ghand is-socjeta’ konvenuta ghat-tiswija, kellha tinbidel il-magna. Peress illi s-socjeta’ konvenuta talbet il-hlas ghal tali tiswija, l-attur deherlu li m’ghandu jhallas xejn u ghalhekk ma gabarx il-Kenwood mixer tieghu, izda halliha ghand is-socjeta’ konvenuta, u beda l-proceduri odjerni.

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti. Fl-ewwel lok il-magna Kenwood mixer li xtara l-attur hija magna destinata ghal uzu domestiku biss, u mhux ghall-uzu industrijali. Dan jirrizulta bic-car mill-‘manual’ tal-magna fejn hemm imnizzel il-kliem ‘*Only use this machine for its intended domestic use.*’ Kemm it-technician kif ukoll rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ikkonfermaw dan il-fatt.

Jidher pero, illi l-attur ma kienx qed juza l-magna in kwistjoni ghall-uzu domestiku, izda fuq ammissjoni tieghu stess, kien qieghed juzaha ghax-xoghol tieghu ta’ ‘confectioner’. Dana johrog car mill-kliem tal-attur li xehed testwalment hekk:- ‘<u>*Jiena nahdem bhala confectioner. Nghid illi jiena xtaqt dina partikolari ghax iz-zewg mixers li jiena kelli kienu daqsxejn zghar u kelli bzonn wahda ikbar minhabba l-ezigenzi tax-xoghol tieghi*</u>*.*’ U aktar tard meta xehed in kontroezami l-attur qal testwalment hekk:- *‘…b’mod partikolari meta irreferejt ghaz-zewg mixers li diga kelli u li jiena kelli bzonn wahda ikbar minhabba l-ezigenzi tax-xoghol tieghi, ezattament x’kienu dawn l-esigenzi u ghaliex kelli bzonn wahda ikbar u nghid illi kelli bzonn wahda biex l-icing intellghu f’darba flok f’darbtejn…Nikkonferma li jiena din il-mixer ridtha biex nahdem biha.*’

Illi l-uzu tal-magna gewwa ‘confectionery’ zgur li ma jaqax taht id-definizzjoni ta’ uzu domestiku, u ghalhekk jidher li l-attur ma segwiex l-istruzzjonijiet applikabbli ghall-uzu tal-istess magna.

Illi l-attur inghata garanzija ta' sentejn fuq '*electrical or mechanical faults which may be due to faulty material or construction*', filwaqt li inghata garanzija ta' ghaxar snin '*on motor and gear box*'. L-istess garanzija pero ghandha s-segwenti kliem:- '*Faults which may be due to wrong usage, faulty handling, neglect or accident are not covered by this guarantee.*'

Mill-provi jirrizulta illi l-hsarat li graw lill-magna kienu principalment is-segwenti:- 1. inkiser il-'control module'; 2. 'overheating' tal-magna; 3. Waqfet il-magna. Illi f'dan il-perjodu l-attur kellu anki ibiddel il-whisks/beaters xi tlett darbiet ghaliex kienu inkissru.

Illi mix-xhieda kemm tat-technician kif ukoll ta' Clive Farrugia Vella, jidher car illi kien hemm '*misuse*' da parti tal-attur meta kien qieghed jaghmel uzu mill-Kenwood tieghu, liema '*misuse*' wassal ghal dawn il-hsarat kollha. Fil-fatt skond huma, l-'control module' inkiser ghaliex inqabzet il-molla, peress illi xi hadd dawwar is-switch bil-kontra. Mbaghad, il-magna waqfet ghaliex kien dahal trab abjad li kien ibblokkja l-magna u li kien ikkawza 'over heating' li wassal sabiex il-magna inharqet. Huma t-tnejn spjegaw illi dan it-trab x'aktarx kien dahal fil-magna jew ghaliex ma sarx uzu mill-'splash guard' waqt li kienet qed tintuza, jew inkella ghaliex kien hemm hafna trab fil-vicinanza tal-magna waqt li kienet qed tintuza, u l-magna bdiet tigbed l-istess trab mill-vents taghha.

Gie ppruvat ukoll illi l-attur kien qieghed jaghmel uzu hazin tal-whisks/beaters u li dawn inkissrulu xi tlett darbiet. Tant hu hekk illi meta gie spjegat lilu kif kellhom jintuzaw, huwa mexa mall-istruzzjonijiet u ma regghux inkissru. L-attur stess jammetti dan il-fatt.

Minn-naha tieghu, l-attur xehed illi skond hu, dawn il-hsarat kollha graw mhux minhabba li huwa kien qieghed jaghmel uzu hazin tal-magna izda sempliciment ghaliex din il-magna kienet wahda difettuza.

Illi pero, tenut kont tal-provi u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal huwa konvint illi l-attur kien qieghed

jaghmel uzu hazin tal-magna, u dan jidher car kemm mill-problemi specifici li bdew jinqalghu, kif ukoll mill-fatt illi l-magna ma kenitx qed tintuza ghal skopijiet domestici kif suppost.

Isegwi allura illi l-attur ma setax jippretendi illi l-magna l-gdida tigi installata minghajr hlas ghaliex fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li gie allegat mill-attur, ma jidhirx li kien hemm xi difett latenti fl-istess Kenwood mixer. Konsegwentement, gjaladarba l-attur ma kienx qieghed jaghmel uzu kif suppost mill-magna, ma setax ikun kopert bil-garanzija, u meta s-socjeta' konvenuta talbet il-hlas – alavolja tat skont kbir – ghall-istallazzjoni tal-magna l-gdida, hija kellha kull dritt li taghmel hekk.

Illi bla pregudizzju ghal kwalsiasi rimedju iehor li jista' jkollu skond il-ligi, dik tar-rexxissjoni tal-bejgh ma kenitx ir-rimedju tal-attur ghaliex ma jezistux ir-rekwiziti ghal tali azzjoni, u ghalhekk, fic-cirkostanzi dan it-Tribunal ma jistax jilqa t-talba tal-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jichad it-talba attrici. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------